MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 24/2006

**Vella Mario**

**vs**

**Mercieca Emanuel**

It-Tribunal

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“ Ghid inti konvenut prevja dikjarazzjoni li inti debitur lejn l-attur fl-ammont imsemmi ta’ Lm176.39,0, il-ghaliex m’ghandekx tigi kkundannat li thallas lill-attur din is-somma ta’ mija u disa’ u sebghin liri maltin u disa’ u tletin (Lm179.39) bhala hlas ta’ xoghol ta’ tiswijiet, bdil ta’ spare parts, u servicing fuq il-vettura tieghek Metro bin-numru ta’ Registrazzjoni IAW-468 liema xoghol sar fuq inkarigu tieghek stess.

Bl-imghaxijiet mid-9 ta' Novembru 2005 meta giet ikkonsenjata l-vettura lilek sal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez kollha nkluza tal-ittra ufficjali tad-19 ta' April 2006.

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minnissa jinsab imharrek."

Ra li l-konvenut gie debitament notifikata bl-avviz fl-24 ta' Mejju 2006 u ghalhekk it-terminu moghti mil-ligi ghar-risposta ghadda;

Ra l-kapitoli ipprezentati mill-attur fis-seduta tallum

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut ma deherx u dan bla ma gieb ebda raguni tajba ghan-nuqqas ta' dehra tieghu;

U billi l-ammont pretiz m'huwiex iktar minn LM250;

U billi ma hemmx raguni l-ghala d-dikjarazzjonijiet ma jisthoqqilhomx li jkunu emmnuti u mittiehda bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici kif dedotta fl-avviz tat-talba u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' LM179.39 ammont dovut bhala hlas ta' xoghol fuq il-vettura tal-konvenut bl-imghax legali mid-19 t'April 2006 sad-data tal-eventwali hlas effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-19 t'April 2006.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------